# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 385/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paul Spiteri**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Paul Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 71474(M)) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. nhar it-12 ta' Lulju 2013 f'San Ġiljan u f'dawn il-Gżejjer Maltin kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq Luigi Dalli, persuna li għalqet is-sittin sena skont ċertifikat maħruġ minn Dr. M. Caruana M.D. mill-iSptar Mater Dei.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Luigi Dalli bil-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta *et sequitur.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(d)(2) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu għal perjodu ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sospiż għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza. *In oltre*, wara li l-Ewwel Qorti rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000) fil-konfront ta' Luigi Dalli għal żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-esperti billi ma rriżultax li kien hemm tali ħlas involuti u hija spjegat lill-imputat il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2016 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi TIRREVOKA u TĦASSAR is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell imressaq mill-appellant, il-Qorti tinnota li jkun utli li ssir riferenza għal dak li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi ser issir riferenza għal dak li xehdu x-xhieda saljenti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-*parte civile* **Luigi Dalli** (*a fol.* 14 *et seq.*) qal li fit-12 ta' Lulju 2013 meta fl-aħħar sab fejn jipparkja u hekk kif ġie biex jipparkja sab persuna b'idejh mgħollijin u qallu biex jitlaq 'l hemm. Jgħid li dak il-ħin ħarġet vettura aktar 'il fuq u min kien qed iżommu warrab. Jgħid li hu (Dalli) kien għadu mal-vettura meta mar l-appellant u tah daqqa bil-minkeb bi spalltu b'kollox u dawru dawra tond. Jgħid li mbagħad mar ħdejn l-appellant biex jara għaliex kien għamillu hekk u li l-appellant qabdu minn għonqu, żbilanċjah u tefgħu mal-art. Jgħid li l-isptar sab li kellu l-*hip* miksura u li l-għada operawh. In <u>kontro-eżami</u> Dalli jiċħad li kien daħal għal fuq ir-raġel li kien qed jokkupa l-parkeġġ iżda kien qallu biex iwarrablu. Jiċħad li kien laqat lill-persuna li kienet qed tokkupa l-parkeġġ f'irkobbtejh u qabel li bejn il-vettura tiegħu u dik tal-appellant kien hemm erbgħin metru. Jiċħad ukoll li kien mar fuq il-vettura tal-appellant għas-sodisfazzjon. Jispjega li l-appellant kien quddiem Tony's Bar f'San Ġiljan u li kien mar u tah daqqa ta' minkeb u hu (Dalli) waqa' u jgħid li l-appellant qatt ma xejjirlu bil-ponn. Jinnega li kien avviċina l-vettura tal-appellant u jgħid li mar ħdejn l-appellant biex jistaqsieh għala kien għamillu hekk u li meta l-appellant laqtu telaq jiġri lejn il-vettura tiegħu. Baqa' jiċħad li waqa' ħdejn il-vettura tal-appellant.

Illi **Carol Cutajar** (*a fol.* 32 *et seq.*) xehdet li kienet rat anzjan mal-art xi mkien ħdejn ir-*roundabout* imma mhux fil-qiegħ eżatt. Tgħid li kien hemm xi ftit nies madwaru.

Illi **Joseph Briffa** (*a fol.* 36 *et seq.*) qal li kien ra post vojt għall-parkeġġ imma wasal raġel b'vann abjad u dan baqa' ġej ma' saqajh u għalhekk iddeċieda li jwarrab. Jgħid li kemm kemm missu ma' saqajh u ma għamillu xejn. Jgħid li mexa lejn il-*jeep* tiegħu waqt li l-appellant mexa warajh. Jispjega li rikeb fil-*passenger seat* u li f'daqqa waħda nstema' xi ħadd aggressiv ġej u ra lill-*parte civile* mal-bieba. Jgħid li qal lill-appellant li kien wasal ir-raġel li kien ġej għalihom u li t-tnejn ħarġu mill-vettura pero' ma għamlux hekk biex jiġġieldu. Jgħid li l-*parte civile* ġie u fajjarlu waħda u li l-appellant dar waħda u l-*parte civile* minflok laqtu, laqatlu dahru bi sbrixx u mbagħad dar żugraga u waqa' mal-art. Jgħid li l-*parte civile* kien mexa erbgħin metru biex wasal ħdejhom u li kien staqsieh għala kien mar fuqhom wara li kien ċedielu l-post. Fil-<u>kontro-eżami</u> jixhed li l-appellant ma kellux ċans li jmur ħdejn il-*parte civile* u jagħtih daqqa ta' minkeb.

Illi **Dr. John Cordina** (*a fol.* 86 *et seq.*) xehed li kien eżamina lill-*parte civile* fejn qal li kellu ksur fl-għadma tal-femur u jgħid li dan il-ksur huwa komuni ħafna f'nies ta' ċerta eta' u jista' jkun ikkawżat minn diversi sitwazzjonijiet, l-aktar komuni meta xi ħadd jaqa'.

Illi l-appellant **Paul Spiteri** (*a fol.* 139 *et seq.*) xehed li kif dar mar-*roundabout* ra lil Briffa jagħmillu sinjal u mbagħad ra l-vann abjad tal-*parte civile* liema vann kien fil-parkeġġ li Briffa kien qed iżomm għalih. Jgħid li l-*parte civile* beda jimbotta lil Briffa sakemm dan kellu jitla' l-bankina u sadattant ġiet persuna oħra li qaltlu li kienet ħierġa u mar jipparkja flokha. Jgħid li l-*parte civile* kien madwar żewġ vetturi 'l bogħod u huwa ħareġ imma Briffa qallu biex jaqbdu u jmorru 'l hemm. Jgħid li Briffa kien naqra irrabjat bil-mod kif kien ġie ttrattat għax il-*parte civile* beda jmiss ma' rkubbtejh u beda jimbuttah bil-*bumper* tal-vettura. Jgħid li kif daħal fil-vettura ra lill-*parte civile* mill-mera kważi mal-bieba tan-naħa tiegħu u ħareġ u staqsieh x'kien ġara u lanqas leħaq spiċċa l-kelma li rah ħa jagħti daqqa. Jgħid li hu (Spiteri) waqqaf idu, resaq naqra lura u l-*parte civile* spiċċa mal-art laġenbha u ġie fuq il-*hip*. Jiċħad li qabad lill-*parte civile* u dawru waħda fl-arja u li din il-manuvra ma jistax jagħmilha għaliex f'dahru għandu *slip disk.* Fil-

<u>kontro-eżami</u> l-appellant qal li ma ftakarx li l-*parte civile* kien miexi bil-bastun. Mistoqsi mill-Ewwel Qorti fejn kien meta waqa' il-*parte civile*, wieġeb hekk (*a fol.* 155): *"Kont fil-karozza jien kont imbagħad ilħaqt dħalt fil-karozza, Sir, dħalt fil-karozza u narah mill-mera ġej, jien l-istatement hekk qiegħed u hekk ħa nibqa' ngħid."* Jgħid li malli l-*parte civile* xejjer id-daqqa ta' ponn, hu (l-appellant) kien iċċaqlaq u d-daqqa ħadha fil-vojt u waqa' mal-art.

Illi skont iċ-ċertifikat mediku (*a fol.* 10) jirriżulta li l-*parte civile* kellu *fracture* fil-*left hip*. Fl-affidavit (Dok. "DB 5" – *a fol.* 84) ta' Mr. Alec Sultana jirriżulta li l-*parte civile* sofra offiża gravi u li kien jinħtieġ intervent kirurġiku.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku aggravju tal-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, minkejja li huwa maqsum f'diversi partijiet, huwa dwar l-apprezzament tal-provi. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija u wisq anqas temmen il-verżjoni li ta l-*parte civile*. Fl-appell tiegħu, l-appellant jgħid li l-fatti kienu s-segwenti (*a fol.* 190 *et seq.*): *"L-appellant ħareġ mill-vettura [...u] il-parte civile ħebb għall-appellant. L-appellant għolla jdejh u evita d-daqqa tal-parti leża. Il-parti leża bil-forza tad-daqqa li ried jagħti (u li biha ma laqatx lill-appellant) tilef il-bilanċ, waqa' waħdu, u weġġa'. L-appellant ma kellu ebda sehem fil-korriment tal-parti leża."*

Illi l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u jelenka s-segwenti:

- <u>Il-komportament tal-*parte civile*</u>: Jisħaq li kien il-*parte civile* li avviċina l-vettura tiegħu (tal-appellant) b'ton aggressiv u xejjer daqqa ta' ponn li hu evada u l-*parte civile* waqa' bl-istess sforz li kien għamel. Jisħaq li qabel l-akkadut, il-*parte civile* kien beda jagħfas bil-vettura tiegħu mal-irkoppa ta' Briffa li kien qed iżommlu post ta' parkeġġ.

- <u>Il-verżjoni tiegħu hija aktar verosimili u għandha l-korroborazzjoni ta' xhud okulari</u>: Jgħid li kien il-*parte civile* li

pprova jaggredixxih u li Briffa jikkorrobora din it-teżi waqt li jikkonferma li hu (l-appellant) qatt ma ta xi daqqa ta' minkeb lill-*parte civile*. L-appellant jargumenta li l-evidenza tal-*parte civile* ma għandhiex mis-sewwa u li Ewwel Qorti għamlet konġettura meta qalet li Briffa seta ma kellux *line of vision* sew.

- Il-ġrieħi li sofra l-*parte civile*: Jisħaq li dawn il-ġrieħi kienu riżultat tal-istat tal-*parte civile* ossia ta' persuna *"brittle boned"* minħabba l-eta' tiegħu. Jgħid ukoll li l-ġrieħi kienu kompatibbli ma' waqgħa jew daqqa u li ċ-ċertifikat ma jindika ebda tbenġil jew laċerazzjonijiet u li b'hekk isegwi li l-verżjoni tal-*parte civile* li l-appellant qabdu minn għonqu u dawru fl-arja mhijiex veritjiera.

- Il-*parte civile* rrilaxxja diversi dikjarazzjonijiet kunfliġġenti: Jgħid dawn x'inhuma u jistaqsi x'kien l-*actus reus* tiegħu: Imbottatura? Qabda mill-għonq? Dawra fl-arja? Waqa' mal-art fuq saqajh jew ma' l-art? Jgħid li l-Ewwel Qorti lanqas iddeskriviet l-*actus reus* tiegħu meta kkundannatu.

- L-akkadut seta' jiġi evitat: Kien il-*parte civile* li għażel li jimxi lejh (lejn l-appellant) sempliċement għas-sodisfazzjon u kien l-istess *parte civile* li fittex il-konfront.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-

> Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawża l-Qorti qed tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti u minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Illi l-Qorti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioè jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-

imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm kunflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull kunflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006).""[1]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

6ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

**Ikkunsidrat**

Illi, kif diġa ngħad, fl-atti proċesswali jirriżulta li hemm kunflitt ta' x'ġara eżatt wara li nqala' battibekk fuq parkeġġ li Briffa kien qed iżomm għall-appellant. M'hemmx dubju li l-offiża li sofra l-*parte civile* Luigi Dalli kienet offiża gravi (ksur fl-għadma tal-koxxa (femur) tax-xellug – *a fol.* 68). Dan ġie stabbilit mit-tobba u skont l-istess tobba l-*parte civile* dam wieħed u erbgħin (41) jum fl-isptar. Jirriżulta wkoll li l-*parte civile* twieled fis-sena 1933 (Dok. "DB 4" – *a fol.* 83) u għalhekk meta seħħ l-akkadut kellu tmenin sena.

Illi din il-Qorti tinnota li fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) jirriżulta li l-*parte civile* qal li ħareġ mill-vettura wara li pparkja, l-appellant tah daqqa ta' spalla u li huwa staqsa lill-appellant għala kien għamillu hekk u li l-appellant qabdu minn għonqu u tefgħu fl-art. Il-Qorti tinnota li meta l-*parte civile* ta d-depożizzjoni tiegħu fil-Qorti huwa qal li l-appellant ma waqqgħux meta tah daqqa b'minkbu bi spalltu b'kollox u dawru tond għax hu (il-*parte civile*) kien qabad mal-vann (*a fol.* 18). Kien fil-paġna ta' wara li qal li l-istess persuna qabdu minn għonqu, żbilanċjah u tefgħu fl-art.

Illi fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) hemm imniżżel li l-*parte civile* nstab mitfuħ mal-art viċin il-vettura tal-appellant u Briffa u l-bogħod mill-vettura tiegħu. Dan ma jħalli ebda dubju li effettivament il-*parte civile* kien mexa lejn il-vettura ta' fejn kienu l-appellant u sieħbu.

Illi fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) hemm riferenza għall-istqarrija li għamel l-appellant. Fiha rrefera għall-battibekk dwar il-parkeġġ wara li sieħbu kien żammlu post. Barra minn hekk l-appellant kien qal li hu ma ġġelidx u malli daħal fil-vettura lemaħ lill-*parte civile* riesaq lejh u hekk kif hu (l-appellant) niżel mill-vettura, il-*parte civile* għolla jdejh biex jagħtih daqqa ta' ponn u hu (l-appellant) għolla jdejh biex jilqagħha u dak il-ħin il-

*parte civile* waqa' mal-art u li hu (l-appellant) ma uża ebda tip ta' forza. Għandu jiġi nnutat li meta l-appellant ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti (*a fol.* 139 *et seq.*) huwa xehed fuq l-istess linji ta' dak li qal fl-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "DB 3" – *a fol.* 81 *et seq.*). Għandu jingħad ukoll li kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xiehda li l-appellant kien qed ibati minn *slip disk* u kellu saħansitra jbiddel ix-xogħol.

Illi Joseph Briffa (il-ħabib tal-appellant) qal bejn wieħed u ieħor l-istess verżjoni li tidher fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) fejn fir-rapport jirriżutla li Briffa stqarr li sieħbu l-appellant ħareġ u l-*parte civile* tah daqqa ta' ponn u ma laqtux u nbaram mal-art. Fix-xiehda tiegħu (*a fol.* 36 *et seq.*), Briffa qal li l-*parte civile* kien għafsu ħafna bil-*bumper* tal-vettura biex jersaq mill-parkeġġ u kellu jitla' fuq il-bankina imma ma allegax li kien weġġgħu. Imma dwar il-punt kruċjali jgħid: *"Mess ma daru iva bi sbrixx, dan lil Paul u mbagħad qbiżt biċċa, x'ħin Paul ħareġ mill-karozza, u dan sabu miegħu qallu: "x'ħa tagħmel?", l-ieħor fajjarielu mal-ewwel, ma laqtux imma għadda sbrixx minn ma dahru, nimmaġina jien li tilef il-bilanċ, għax meta tagħti daqqa u dan u nsibu fl-art, sakemm dort mal-jeep jien għax dort minn wara biex ngħin lil Paul or biex inferraqhom. Dan ġie biex isawtu dan ir-raġel għax aħna konna erbgħin metru bogħod mill-karozza tiegħu x'ġie jagħmel fejn l-imbierka karozza tagħna, meta jiġi bniedem erbgħin metru ħdejn il-karozza tiegħek"* (*a fol.* 40). Għad-domanda jekk l-appellant għamilx xi ħaġa jgħid li ma għamel xejn (*a fol.* 43).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li ngħataw żewġ verżjonijiet ta' x'ġara f'ħin qasir ħafna u li mhux dejjem huma eżatti. Bħala eżempju ta' dan, din il-Qorti tinnota li fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) hekk kif il-*parte civile* qal x'ġara huwa jgħaqqad żewġ mumeni f'daqqa tant li fir-rapport hemm hekk (*a fol.* 62): *"Kif ħareġ ġie wieħed u ċioè s-Sur Spiteri u tah daqqa ta' spalla. Hekk kif huwa staqsieh għala kien għamillu hekk, is-Sur Spiteri qabdu minn għonqu u tefgħu fl-art."* Meta mbagħad wieħed janalizza d-dettalji li jirriżultaw mix-xiehda tax-xhieda prodotti,

wieħed jinduna li kien għadda għal tal-anqas ftit tal-ħin bejn iż-żewġ inċidenti jew għall-anqas ma sarux f'daqqa. Minn naħa l-oħra fl-istqarrija tiegħu (Dok. "DB 3" – *a fol.* 81 *et seq.*) l-appellant jgħid li hu kien qal lill-*parte civile* s-segwenti kliem: *"Hekk sewwa"* (*a fol.* 82) mingħajr ebda tip ta' ġlied. Din il-Qorti tistaqsi għala l-*parte civile* kellu jmur ħdejn il-vettura li kien fiha l-appellant meta fuq kollox huwa (il-*parte civile*) kien ipparkja fejn ried u ma deherx li kellu fuq xiex jagħmel xi reazzjoni.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti ser tagħmel riferenza għas-segwenti tliet mumenti differenti li jemerġu mid-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti:

- L-ewwel mument huwa meta l-*parte civile* pprova jipparkja u sab lil Briffa jżomm il-parkeġġ għall-appellant u fejn il-*parte civile* baqa' jinsisti minkejja li l-appellant daqqlu l-horn minn warajh. Jingħad minn Briffa li l-*parte civile* messlu rkubbtejh bil-*bumper* tal-vettura tiegħu.

- It-tieni mument huwa meta l-appellant qal il-kliem: *"Hekk sewwa"* lill-*parte civile*. Il-Qorti ma temminx li qallu hekk biss għaliex kieku ma kienx jirriżulta t-tielet mument. Il-Qorti temmen li l-appellant imbotta bi spallejh u b'minkbu lill-*parte civile* li ma waqax għax żamm mal-vettura. Biss sa dan il-punt ħadd ma kien weġġa'. Imma jirriżulta li kien hemm ftit tal-kommozzjoni tant li Briffa qal lil sieħbu biex ma jieqfux għat-te u jibqgħu sejrin u b'hekk jevitaw xi paroli jekk fil-bar jiltaqgħu ma' xi nies li jkunu raw iż-żewġ inċidenti msemmija.

- It-tielet mument, li huwa l-mument l-aktar kruċjali għax kien f'dan il-mument li kien hemm id-dannu, huwa dwar x'ġara meta l-*parte civile* qal li hu kien ftit passi 'l bogħod mill-vettura tiegħu u ra lill-appellant ġej fuqu. Mir-rapport tal-Pulizija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 60 *et seq.*) jirriżulta li l-*parte civile* nstab ħdejn il-vettura tal-appellant. Mhux talli hekk, talli fl-istess rapport hemm imsemmi wkoll li l-*parte civile* kien *"'l*

> *bogħod mill-vettura tiegħu"* (*a fol.* 63). Imbagħad meta PS 1456 Jonathan Cassar li ħejja r-rapport xehed quddiem l-Ewwel Qorti, huwa xehed hekk (*a fol.* 54): *"Ngħidlek il-verita' pero' il-pożizzjoni fejn kien il-midrub kienet ħafna viċin il-vettura tal-imputat u kienet 'il bogħod mill-vettura tiegħu jiġifieri l-verżjoni tal-ħabib tiegħu kienet li l-midrub avviċinahom għal karozza tagħmel sens."*

Illi dak li jifdal jiġi mixtarr huwa x'ġara tassew f'dan it-tielet mument imsemmi hawn fuq. Il-*parte civile* jallega li l-appellant qabdu minn għonqu, dawru waħda u hu waqa' mal-art u minn naħa l-oħra l-appellant qal li hu kien fil-vettura, ra lill-*parte civile* ġej irrabjat lejh u li hekk kif ħareġ mill-vettura, il-*parte civile* mal-ewwel ipprova jxejjirlu daqqa ta' ponn, ħadu sbrixx minn dahru u waqa' fl-art.

Illi din il-Qorti eżaminat ukoll dak li xehed Briffa u minkejja li jirriżulta li huwa ħabib tal-appellant, il-Qorti ma tistax tiskarta dak li huwa xehed sempliċement għax huwa ħabib tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta li huwa kien preżenti l-ħin kollu u kien qed jara u jisma' dak li kien qed jiġri.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Spacey** (Numru 129/2001) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fi kliem ieħor, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li sabet ħtija għal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet hija *"unsafe and unsatisfactory"*. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **The Police v. Michael John Turner**,
>
>> "As was explained by Lord Chief Justice Widgery in *R. v. Cooper* [1969] 1 QB 276 (in

> connection with a provision of English statutory law, s. 2(1)(a) of the Criminal Appeal Act, 1968[2]), assuming there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed (see also, *Blackstone's Criminal Practice* (1991), p. 1392). This principle is in practice applied also by this Court."[3]"

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, meta l-Qorti jkollha kunflitt fil-provi mhux bilfors li tillibera. Tista' tqis li verżjoni hija aktar attendibbli mill-oħra u tista' ssib ħtija. Lanqas hu bilfors li għax hemm żewġ xhieda jaqblu, allura jirbaħ in-numru. Il-prova ma tiddependix minn numru. Fuq kollox ireġġi l-prinċipju *in dubio pro reo*.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad din il-Qort jibqgħalha dak il-*lurking doubt* dwar x'ġara fit-tielet mument imsemmi li huwa l-mument kruċjali f'dan il-każ. Il-*parte civile* kellu tmenin sena dakinhar tal-akkadut u m'hemmx dubju dwar l-offiża gravi li huwa sofra għaliex iċ-ċertifikati u dak li jirriżulta minn dak li qalu t-tobba jitkellem waħdu. Dan jirriżulta wkoll mill-ksur li sofra l-*parte civile* li huwa kompatibbli ma' waqgħa.

[2] Qabel l-emendi inrodotti f'dik il-liġi bil-*Criminal Appeal Act, 1995.*

[3] Ara wkoll ***Archbold – Criminal Pleading, Evidence, and Practice 2001*** (Sweet & Maxwell), para. 7-47 sa 7-49, paġni 916 u 917.

Illi minn naħa l-oħra l-*parte civile* lanqas kien eżatt fid-deskrizzjoni ta' dak li ġara għaliex hu ta l-impressjoni li kien għadu ftit passi 'l bogħod mill-vettura tiegħu meta r-rapport u x-xiehda tal-iSpettur (imqar jekk wieħed ma jikkonsidrax x'qal Briffa dwar dan il-punt) jippuntaw lejn verita' oħra.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huma possibbli ż-żewġ verżjonijiet: kemm li l-*parte civile* nqabad minn għonqu kif ukoll li pprova jagħti daqqa ta' ponn, ħa lill-appellant sbrixx u waqa'. Fi proċeduri kriminali m'hemmx bżonn li jkun hemm iċ-ċertezza dwar il-provi imma l-prova trid tkun waħda 'l hemm minn kull dubju raġjonevoli. Ma jistax jiġi eskluż li l-appellant evita d-daqqa u li l-*parte civile* nbaram mal-art u spiċċa bi ksur fil-*femur*. Ma jistax jiġi njorat anqas li fiż-żmien tal-akkadut l-appellant kien diġa' qed ibati minn *slip disk*.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u minħabba l-*lurking doubt* imsemmi, din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju tal-appellant u b'hekk ser tilqa' l-appell imressaq minnu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Paul Spiteri, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**